BIRKIRKARA

Din il-laqgha kellha ssir nhar it-Tnejn, 30ta' Gunju, 2008 fis-6.30pm imma giet posposta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghat-Tlieta 01ta' Lulju, 2008 fis-6.30pm.

Minuti tat-Tmienja u Ghoxrin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 01 ta' Lulju, 2008 mis-6.30pm sat-7.45pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Dr.Josianne Cardona Gatt |
| | Dr.George Debattista |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | Is-Sinjura Doris Borg ---------------- Assenti u Skuzata |
| **Assistent Principal** | Is-Sinjura Dorianne Pullicino |

Fil-bidu tal-laqgha s-Sindku ippropona illi ghal din il-laqgha **hu jdahhal** lis-Sinjura Dorianne Pullicino **biex** tiehu l-minuti peress li s-Segretarju Ezekuttiv kien imsiefer. **Fuq dan kien hemm qbil unanimu bejn il-membri kollha.**

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Roberto J. Buontempo, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw u l-Kunsilliera s-Sinjura Doris Borg kienet assenti mma skuzata. Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 27.**

Il-Minuti tas-Sebgha u Ghoxrin kienu tqassmu ma' l-agenda w ittiehdu bhala moqrija. Wara li saret korrezzjoni f'paragrafi 3.7, DOK JT2 u 3.6, il-minuti gew approvati bi tnax voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Roberto J. Buontempo, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

**3. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

Hawnhekk Dr. George Debattista ressaq mozzjoni adhoc fejn xtaq jifrah lil Dr.Josie Muscat il-Leader u l-Mexxej gdid tal-Partit Laburista u lil Dr. Paul Borg Olivier, is-Segretarju Gdid tal-Partit Nazzjonalista, zewg zghazagh godda fix-xejra politika u biex nifirhulhom bhala Kunsill. Il-mozzjoni A Dok mressqa min Dr. George Debattista giet approvata bi tnax favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet Dan wara li tresqet ghall-approvazzjoni min Dr. George Debattista u sekondata mill-Kunsillier Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Roberto J. Buontempo, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

**4. Rwol u Promozzjoni – Surveillance Officer tal-Kunsill**

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi fl-ahhar laqgha tal-Kunsill gie ipproponut li s-Sur Lawrence Chetcuti, is-Surveillance Officer tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara jinghata promozzjoni ghal Skala 11. Aktar milli promozzjoni jitla bhala grad ghax ix-xoghol tas-Surveillance Officer ser jibqa l-istess. Hawnhekk saret diskussjoni qasira. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

**5. Diskussjoni – Suggett: Kumitat Kongunt ghall-Infurzar Regjonali tal-ligi, Ordni Pubblika u t-Tribunal Lokali Birkirkara.**

Qabel bdiet id-diskussjoni tqassmu kopja tad-Draft Accounts tal-Financial Statement li tqassmu fl-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongjunt. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li nsista li kellu idahhal fuq l-agenda din id-diskussjoni ghax jixtieq li l-Kunsill jiehu stand fejn jidhlu wardens u Tribunal Lokali. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ta' spejgazzjoni kif qed tahdem bhalissa s-sistema. Il-Kunsillier Joanne Borg staqsiet lis-Sindku jekk hux f'idea li nehhu l-wardens u nohorgu mis-sistema? Hawnhekk saret diskussjoni qasira u saru diversi mistoqsijiet mill-membri prezenti. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb li bil-ghaqal iridu nifthemu u narawh l-*options* kollha. *Options* li huma jew inwaqqfu l-wardens jew nohorgu mis-sistema tal-Kumitat Kongunt. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami zied ighid ukoll li jrid jara u jiccekja sew fuq il-multa jekk tistax tinqata mill-flus li ghandha niehdu mill-Kumitat Kongunt qal ukoll li ser jaghmel appuntament mas-Sur Ernest is-Survelliance Officer tal-Belt Valletta biex jara sew kif qed tahdem is-sistema gol-Belt Valletta. Hawnhekk gie miftiehem li tintbghat ttra li tghid li qed nikkunsidraw li nohorgu mis-sistema. Il-Kunsilleri Michael Camilleri staqsa li hekk nohorgu mis-sistema u nqabbdu l-wardens ahna jekk nibdewx inkunu *break even* peress li sema' li l-Kunsill ta' Birkirkara qed jaghmel tajjeb ghal Kunsilli ohra. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li ghalhekk hu tajjeb li naraw sew il-vantaggi u l-izvantaggi u ghal laqgha li jmiss naraw sew l-options kollha u niddeciedu.

**6. Nuqqas ta' attendenza mil-laqghat tal-Kunsill mill-Kunsillier Joanne Borg**

Ittra minghad is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone datata 18ta' Gunju, 2008 kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Kien hemm qbil **unanimu** illi l- astenzjoni tal-Kunsilliera Joanne Borg kienet gustifikata.

**7. Nuqqas ta' attendenza mil-laqghat tal-Kunsill mill-Kunsillier Sergio Carbonaro**

Ittra minghand is-Segretarju Ezekuttiv is-sur Joseph Tabone datata 18ta' Gunju, 2008 kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Kien hemm qbil **unanimu** illi l-astenzjoni tal-Kunsillier Sergio Carbonaro kienet gustifikata.

**8. Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 20**

Is-Sur Michael Fenech accena li kien hemm misprint fin-numru tal-Lista tal-pagamenti.

Il-Lista tax-xiri u l-pagamenti numru 20 kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-Kunsillier Anthony Buttigieg ghamel xi mistoqsijiet li ghalihom wiegeb is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami. Il-Lista tax-Xiri giet approvata unanimament.

## 9. Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti

Il-Lista tal-Flus Kontanti tal-perjodu mill-10ta' Apri,l 2008 sad-09ta' Mejju, 2008 u tal-perjodu mill-10ta' Mejju, 2008 sal-04ta' Gunju, 2008 kienu tqassmu lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Il-Listi tal-flus kontanti gew approvati unanimament.

## 10. Korrespondenza

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-korrispondenza li kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma' l-agenda.

10.1 Ittra minghand is-Sinjura Monica Pisani biex tirringrazzjana tal-bukkett tal-fjuri ghal Ex President ta' Malta Sir Anthony Mamo.

10.2 Rapport minghand is-Sur Alfred Vella dwar id-direzzjoni tat-traffiku peress li r-*roundabout* ta' Fleur-de-Lys ser tinqala. Hawnhekk saret diskuzzjoni qasira. Is-Sindku prezenta pjanta u stieden lil kunsilliera biex min jixtieq jara kif ser jinghalqu t-toroq u kif ser ikun *diverted* it-traffiku jista jarhom.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lil kunsilliera prezenti li s-Sur Frank Fabri Ex Sindku tar-Rabat **inhatar Principal** tal-Kullegg ta' Santa Theresa ta' Birkirkara u li apprezza hafna li jixtieq jahdem mal-Kunsill ta' Birkirkara. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami zied ighid li s-Sur Frank Fabri talab lil Kunsill biex nghinuh fin-*Newsletter,* talab bandiera tal-Kunsill ghal kull skola, talabna ukoll biex nintegraw mal-Gvern biex naghmlu l-*ground* ta' l-iskola ta' l-Imriehel bis-cyntetic turf li dan ser isir, talab zewg qsari quddiem kull skola u talab ukoll biex ghal-korsijiet ghat-tfal jkun jista juza lil Kunsill ta' Birkirkara. Is-Sur Frank Fabri offrilna biex nkunu nistaw naghmlu uzu min kwalunkwe skola wara l-hin ta' l-Iskola biex certu korsijiet inkunu nistaw naghmluhom hemm. Hawnhemm is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lil Kunsilliera li fl-10ta Gunju,2008 ghandu laqgha mas-Sur Frank Fabri biex ikun jista jiddiskuti l-affarijiet ahjar.

## 11. Hwejjeg ohra

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghal dawn is-segwenti:-

a Ta' spjegazzjoni fuq ic-centru tal-I.T u wera x-xewqa tieghu li sa l-ahhar tas-sena l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara jkollu l-ikbar Centru ta' l-I.T. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lil kunsilliera prezenti li ghandu laqgha ma ETC biex niffacilitaw il-hajja ta l-istudenti u bi ftehim ikunu jistaw juzaw ic-Centru ta l-I.T ta' Birkirkara. Bhala rikonoxximent ta' dan kollu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li tajna computer lil Villa Chelsea. Il-Kunsilliera prezenti ferhu lis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ta' dan il-gest sabih.

b Wera ttra datata 30ta' Gunju, 2008 minghand is-Sinjura Marika Mifsud Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Attard fejn tghid li wara li kellha laqgha fl-Ufficini tal-

Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar il-Gimgha 13ta' Gunju, 2008 l-vettura taghha kienet involuta f'incident u qed titlob lil Kunsill Lokali ta' Birkirkara biex jirrimborsah tal-hsara li garbet. Hawnhekk saret diskussjoni qasira. Is-Sindku u l-Kunsilliera prezenti hadt ma qabel fuq dan.

c Ta' spjegazzjoni u nforma lil Kunsilliera prezenti li ghaddejjin xi diskussjonijiet mal-Ministeru tar-Risorzi Umani biex fil-Kuntratt il-Gdid, il-Gvern jerga jiehu f'idejh it-tindif tal-Monti u jahfrilna €30,281.85 (Lm13,000) ta' l-Aquaduct u l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara jiehu hsieb il-*mechanical sweeping* biex kull meta iqabbadna l-Gvern innaddfu t-triq ta' l-Isptar li tiswa lil Kunsill Lokali €20,964.36 (Lm 9,000). Hawnhekk saret diskussjoni qasira.

D Ta' spjegazzjoni kif ser tahdem is-sistema tal-clamping gewwa l-parking tac-Centru Civiku. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li mportanti li kull min jahdem hawn u anke Kunsilliera jkollhom il-kartuna r-rosa. Hawnhekk saret diskussjoni qasira.

Il-Kunsilliera Mary Spiteri Shaw staqsiet kemm baqa naghtu promotions? Is-Sindku wiegeb li ghal laqgha li jmiss tinghata lista bil-haddiema li jmisshom promotion.

Il-Kunsillier Michael Camilleri wera d-dispjacir tieghu wara li rcieva xi informazzjoni bir-rizultati li gabu l-istudenti Karkarizi mill-ezamijiet tal-Common Entrance u ferah li s-Sur Frank Fabri gie bhala **Principal** go Birkirkara **u wera sodisfazzjon bl-impenn tas-Sur Fabri li fl-inizjattiva edukattiva tieghu offra kollaborazzjoni tieghu favor l-edukazzjoni mal-Kunsill Lokali.** Is-Sindku wiegeb li wiehed mill-korsijiet li ser jipprova jikko-ordina mas-Sur Frank Fabri huwa mmirat ghal dawn l-istudenti.

Il-Kunsillier Michael Camilleri staqsa f'hiex wasal il-permess tal-Banda ta' Duke of Connaught ghal attivita Kulturali bhal dik ta' Hal-Qormi?. Hawnhekk il-Kunsilliera Mark G. Abdilla u Dr. Josianne Cardona Gatt taw spjegazzjoni dwar it-tahdidiet li qed isiru u li ser isiru dwar din l-attivita.

Il-Kunsillier Michael Camilleri ipprezenta mozzjoni **dwar Gieh Sir Anthony Mamo** lis-Sindku biex tigi diskussa ghal laqgha li jmiss. Hawnhekk is-Sindku qara l-mozzjoni lil Kunsilliera prezenti.

Il-Kunsillier Anthony Buttigieg ilmenta dwar jekk jistawx isiru *traffic lights* jew *zebra crossing* in-naha ta' l-Oratorju biex ikunu jista jaqsmu ghal Isptar Mater Dei minhabba periklu kbir li qed ikun hemm.Hu lmenta wkoll dwar is-sistema tal-One Ways go l-area ta' Paris. U staqsa ukoll fejn wasal il-process rigward ir-restaurant li kellu jsir go Gnien l-Istazzjon?. Dwar l-ewwel ilment is-Sindku wiegeb li lment ghaddejnieh lil ADT. Dwar it-tieni lment is-Sindku wiegeb li l-Perit qed jdur l-area halli jara is-sitwazzjoni. Dwar it-tielet ilment is-Sindku spjega li kellu laqgha l-MEPA u darhu l-permessi pendenti kollha u li dawn il-permessi ser jkunu f'idejna fl-ahhar ta' Lulju tal-gabbana inkluza .Is-Sindku spjega wkoll li kellhu laqgha Kastilja rigward il-flus li l-Kunsill ghandu jiehu min ghand il-Gvern u rigward ic-Centru Civiku. Hawnhekk is-Sindku ta' spjegazzjoni dwar l-ispejjez li qed jizdiedu fuq ic-Centru Civiku.

Il-Kunsillier John Mary Calleja accena dwar it-tabelli li twahhlu go Triq Borg hdejn il-Go, li r-Residenti qed jaqilhaw ic-citazzjonijiet. Hawnhekk is-Sindku wiegeb li t-tabelli kienu nbidlu b'talba tar-residenti stess. Hawnhekk saret diskussjoni qasira bejn is-Sindku u l-Kunsilliera Charlene Camilleri.

Il-Kunsilliera Dr.Josianne Cardona Gatt ilmentat li go Triq Bwieraq hemm problema minhabba l-kenniesa u lmentat ukoll li go Triq Mannarino hemm *zebra crossing* ezatt kif iddur u qeghda ta'

periklu. Dwar l-ewwel ilment is-Sindku wiegeb li ser jiccekja u jkellem lil Kuntrattur. Dwar it-tieni lment is-Sindku wiegeb li ser jiccekja fuqha.

Il-Kunsillier Mark G. Abdilla ssuggerixxa biex il-Kunsill jitlob talba lil *Business man* ta' area ta Aquadott, Mriehel biex issir dik il-*proposed recreation area*. Is-Sindku wiegeb li qed jipprova jissuggerixxa li ssir Fundazzjoni tal-Hwienet, ufficcini etc.. li tkun apposta, biex bil-fondi taghha insebbhu Birkirkara. Hawnhekk saret diskuzzjoni qasira.

Il-Kunsilleri Mark G. Abdilla ssuggerixxa ukoll biex il-Kunsill jaghmel kuntatti ma MCAST specifikament ta' l-*Institue School of Art* biex lil istudenti jaghtuhom task u jaghmlu uzu mill-Kunsill biex jkunu jistaw esibixxu xogholhom u anke bhala Centru Civiku jkun originali u aktar atrajenti. Hawnhekk il-Kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt tat spjegazzjoni fil-qasir bil-kuntatti li qed taghmel mal-Kunsilli ta' San Pawl u tar-Rabat biex flimkien naghmlu kuntatti mal-fakulta ta l-arti , l-architettura u ta' inginerija, biex kull haga li tista tigi ghar-restawr jinhargu bhala progetti ghat-tezijiet u jaghmluhom l-istudenti. Ziedet tghid li x-xewqa taghha hi li issir in-nicca ta' l-Infetti.

Il-Kunsiller Sergio Carbonaro accena li kien talab lil Perit biex go fl-area ta' l-Aquadott issir *traffic island* zghira u anke *zebra crossing* minhabba t-tfal ta' l-iskejjel u r-residenti li joqghodu go Sqaq l-Ghadam ghax qed tkun problema kbira biex jaqsmu.

Il-Kunsillier Sergio Carbonaro staqsa wkoll jekk kienx hemm zviluppi fuq il-*Ground* ta' John Borg. Is-sindku wiegeb li ser nghaddu l-pjanti lil MEPA.

Il-Kunsillier George Debatttista xtaq jerga jsemmi l-istudju li sar b'certu serjeta u li issa wasal iz-zmien li jsiru d-diskussjonijiet madwar medja dwar il-progett tad-Dar ta' l-Anzjani, Ic-Cimiteru u l-Ground tal-Football.

Il-Kunsillier George Debattista accena ukoll ghal patching li hemm bzonn go Triq l-Imriehel, Sqaq l-Imriehel,Triq Vittorio Cassar u wara l-Kullegg ta' Santa Theresa. Is-Sindku wiegeb li meta il-kuntrattur kien ser jibda xi xogholijiet waqfitlu l-magna u ghalhekk ser ibda fi zmien qasir.

Il-Kunsillier George Debattista qal li jixtieq jara lil Kunsill aktar f'diskuzzjonijiet rigward l-sport ghaz-zghazagh u b'mod permanenti titwaqqaf skola sinfonika tal-muzika, meta ghandha hafna talent zaghzugh u lokali. Hawnhekk is-Sindku qal li kien l-unur ghal-Kunsill li t-team tar-rugby talab lil Kunsill ta' Birkirkara biex jilghab taht l-isem 'Birkirkara Eligators'. Hawnhekk saret diskussjoni qasira.

**12. Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien it-7.45pm.

Dorianne Pullicino
Assistent Principal

Michael Fenech Adami
Sindku